KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BA}AR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

# Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 46, miżmuma nhar l-Erbgħa 27 ta' Diċembru 2017 fis- 19.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

---

## Preżenti

**Membri Preżenti:**

- Graziella Galea — Sindku
- Antoinette Bezzina — Kunsillier (19:30)
- Alfred Grima — Kunsillier (19:30)
- Dounia Borg — Kunsilliera (19:30)
- Daniel Grima — Kunsillier (19:30)
- Stephen Cremona — Kunsillier (19:35)
- Mandy Buhagiar — Kunsilliera (19:40)
- Robert Piscopo — Kunsilier (19.50)

Membri Skużati:

- Raymond Tabone — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Membri Assenti

- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BA}AR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

# Minuti 46

Il-Laqgħa ġiet imsejħa fis-19.30, iżda ma kienx hemm kworum, minħabba li f'dak il-ħin kien hemm prezenti biss is-Sindku Graziella Galea, il-Kunsillieri Alfred Grima, Dounia Borg u Daniel Grima u Antoinette Bezzina.

Is-Sindku tat il-kondoljanzi tagħha lill-Kunsillier Alfred Grima, u spjegat għaliex saret din il-laqgħa meta ma kienx l-aħjar żmien, pero' ma kienx hemm għażla oħra minhabba c-cirkostanzi u l-urgenza.

Is-Sindku avżat illi l-membri preżenti għandhom jistennew in-nofs siegħa meħtieġa mil-liġi sabiex ikun dikjarat jekk jintlaħaqx kworum.

Il-kworum intlaħaq fit-19.40 wara li waslu l-Kunsillieri Stephen Cremona (19.35) u Mandy Buhagiar (19.40).

Il-laqgħa bdiet fit-19.40 wara li ntlaħaq il-kworum.

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

ADSE informa li Kunsilliera Raymond Tabone kellu mpenji familjari u personali, Joseph Vella  qall li ma setax jghattendi minhabba ragunijiet ta xoghol, Anne Fenech skuzat li ma tiflax u Paul Bugeja jinsab msiefer.

Is-Sur Alfred Grima talab lil ADES biex jaqra itra prezentata minnu annessa A. Is-Sindku wiegbet li ma xtaqitx tidhol f'polemici f'dan l-istadju u li l-items fuq l-agenda kienu kollha importanti u li fil-kaz tal-party id-decizjoni dak iz-zmien kienet li dan isir bhas-snin ta' qabel.

**46.2 Laqgħa urġenti dwar deċiżjoni tal-Qorti nu. 966/2009** preżenti l-Avv. John  Bonello Deċiżjoni dwar appell mill-Kunsill Lokali fuq il-Kas tal-Inċident Ta' Fra Ben – Rikors Numru 966/2009

Is-Sindku talbet li tigi sospiza l-laqgha sabiex l-avukat tal-kunsill ikun jista' jispjega l-kaz. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgha giet sospiza fit-19.45.

Il-laqgha kompliet fejn is-Sindku spjegat li l-avukat tal-insurance Dr. Refalo kif ukoll l-avukat tal-Kunsill Dr. Bonello kienu tal-parir li l-kunsill għandu jappella minn din is-

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BA}AR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

sentenza. Skont Dr. Bonello hemm ħames raġunijiet primarji ghalxiex ghandu jigi appellat il-kas.

1. Il-fatt li l-ewwel qorti caħdet in-nomina ta' periti addizzjonali għax l-speċjalisti ma eżaminawx lil din il-persuna.
2. Il-lingwa tar-rikors kienet bil-Malti, meta Kravchenko titkellem bl-Ingliż.
3. Il-Fatt li Maurice Attard għalkemm kien direttur tal-kumpanija kien hu responsabbli mill-armar u nstab ħati mill-Qorti kriminali. Tant hu hekk li weħel piena karċerarja u għalhekk il-Qorti ma kellhiex teħilsu mill-osservanza tal-gudizzju.
4. Il-Qorti ma kellhiex iżżomm lill-Kunsill responsabbli, għaliex il-Kunsill finalment ma kellux is-setgha li jikontrolla ta' attivita.
5. L-imgħax qatt ma setgħa jiġi impost b'mod retroattiv.

Is-Sindku ghaddiet gal vot skont il-parir tal-avukat tal-insurance kif ukoll tal-avukat tal Kunsill, li fil-fatt, il-Kunsill għandu jappella minn din id-deċiżjoni.

Il-Kunsillier Daniel Grima issekonda.

Kien hemm qbil unanimu li kunsill ghandu jappella mid decizzjoni tal-Qorti .

Is-Sindku spjegat li dan l-appell għandu jidħol b'mod immedjat minħabba li hemm ftit taż-żmien li fih wieħed jista jdaħħal dan l-appell il-Qorti, u li l-Avukat kien ikkonferma li se jiddahal l-appell sa l-ahhar tas-sena 2017 sabiex inkunu fil-hin.

**46.3 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il- Laqgha ntemmet 20:50

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| Perit Graziella Galea | Elke Sghendo |
| Sindku | Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv |